MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru 869/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**PHILIP BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Philip Borg ta' 56 sena mwieled Msida nhar il-14 ta' Frar 1949 bin il-mejjet Joseph u Carmelina nee' Galea 'No 166 Triq il-Kbira Balzan detentur ta' Karta tal-identita Nru. 179749M,

Billi gie akkuzat talli matul ix-xhur ta' Awissu 2005 u Settembru 2005 f'diversi bnadi fil-gzejjer Maltin

xjentement laqa' ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom diversi oggetti u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi proceduri sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Illi din il-kawza tirrigwarda akkuza ta' ricettazzjoni.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghat-traduzzjoni bil-Malti tad-deposizzjoni ta' Josef Al Hariri li fis-Seduta tal-24 ta' Jannar, 2006, bil-lingwa Ingliza, qal:

"Qieghed naghraf lill-imputat prezenti fl-Awla. Huwa Philip Borg. Nafu ghax bieghhejtlu xi antikitajiet. Sibt ismu fil-'Yellow Pages' taht it-titlu 'Antikitajiet', u mort fil-hanut tieghu, il-hanut qieghed l-Imsida. Jiena hadt borza mimlija antikitajiet fosthom affarijiet tal-fidda biex inbieghhom. Jiena mort fil-hanut tal-imputat u poggejt l-affarijiet kollha tal-fidda fuq il-mejda u l-imputat staqsa jekk l-affarijiet kienux misruqa u jiena wiegibt li ma kienux. Imbaghad qalli biex inhalli l-affarijiet hemm. Jiena hallejtlu n-number tat-telephone tieghi u wara xi saghtejn l-imputat cempilli fuq it-telephone tieghi u qalli li sab lil xi hadd li ried li jixtri l-affarijiet ghall-sitt mitt Lira (Lm600). Dawn l-affarijiet kienu jappartjenu lil ommi. Jiena hadt dawn l-affarijiet tal-fidda minghajr il-permess ta' ommi. Fil-fatt sraqt dawn l-affarijiet lil ommi. Jiena ghaddejt minn proceduri kriminali f'dan ir-rigward u l-kaz tieghi gie deciz. Nikkonferma li dawn l-affarijiet li jiena bieghhejt, kienu misruqin minni minghand ommi. Fost dawn l-affarijiet, ghalkemm ma niftakarx l-oggetti, zgur li kien hemm zukkariera tal-fidda. Qieghed nigi muri mill-Ufficjal Prosekutur lista markata bhala Dok MT5, pero' ma nistax naqraha ghaliex miktuba bil-Malti.

Qieghed nigi muri kaxxa tal-kartun issiggillata li qieghed nigi infurmat li hija markata bhala Dok MT6, qieghed ninnota li l-Ufficjal Prosekutur fil-presenza tal-Qorti u tal-imputat u l-avukat difensur, qieghed jiftah is-sigilli ta' din il-kaxxa u qieghed nigi muri il-kontenut ta' din il-kaxxa. Nikkonferma li l-oggetti kollha li jien rajt go din il-kaxxa tal-kartun, huma l-oggetti li jien bieghhejt lill-imputat fl-okkazjoni li jien semmejt pero' nixtieq inzid nghid illi kien hemm oggetti ohra li jien bieghhejt lill-imputat li m'humiex f'din il-kaxxa fosthom zukkariera tal-fidda. Jien ma nafx l-ammont tal-oggetti rigward il-valur taghhom li jien bieghejt lill-imputat. Nikkonferma li tal-oggetti kollha jien ircevejt minghand l-imputat is-somma ta' sitt mitt Lira (Lm600)." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Bernardette Hariri li fis-Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008 qalet:

"Nghid fil-perjodu bejn Awissu u Settembru tas-sena 2005 ibni Josef li dak iz-zmien kien ghadu kif ghalaq 18-il sena kien ha xi oggetti mir-residenza tieghi gewwa tas-Sliema u dawn l-oggetti kien hadhom bla permess tieghi. Nghid l-iktar parti minn dawn l-oggetti kienu maghmula minn antiki oggetti tal-fidda. Nghid ukoll kien hemm gojjellerija, deheb. Gewwa d-dar tieghi dawn l-oggetti parti minnhom kienu esposti fid-dar tieghi u ohrajn kienu msakkrin fid-dar tieghi. Nghid fost dawn l-oggetti allura li kienu msakkrin nghid illi kien hemm oggetti li kienu qeghdin gewwa vettrina, li din pero' kellha cavetta komuni ghas-side board u kien hemm ohrajn, oggetti imsakkrin gewwa bagoll, u c-cavetta ta' dan il-bagoll kont nerfaha gewwa, u nixtieq nippreciza illi naghlaq c-cavetta b'katnazz u nghid ic-cavetta ta' dan il-katnazz kont inzommha gewwa kaxxa li pero' nghid illi ibni nipprezumi li kien jaf biha din ic-cavetta ghaliex kien jaf illi l-oggetti importanti tad-dar kont inzommhom go din il-kaxxa.

Nghid ibni kien gheni biex ingorr dawn l-affarijiet fid-dar taghna ghax ahna konna ghadna kif gejna mill-Kanada wara li kienet mietet il-mama u allura kien jaf b'dawn l-oggetti pero' ma kienx jaf il-valur taghhom. Nikkonferma illi ma kienx hemm sgass fid-dar taghna u fetah kienu bic-cwievet. Nghid illi ibni kien ammetta mieghi illi hu kien seraqli l-oggetti u kien anke ammetta fil-proceduri li nstemghu quddiem il-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna.

Nghid ibni kien ghamel zewg lottijiet mill-affarijiet. Wiehed kien hadu ghand persuna li in kwantu ghal oggetti kien fihom jewellery u affarijiet tal-fidda u kien hadhom ghand persuna illi kien sabu fuq il-yellow pages. In kwantu ghal imputat kien hadlu l-bqija ta' l-oggetti. Nghid ibni kien ammetta mieghi li kien seraq l-oggetti hu, u nixtieq hawn nippreciza mhux l-oggetti kollha prezjuzi li kelli d-dar kien seraqhom ibni. Imbaghad kien telaq mid-dar pero' jien biex nghallem ibni lezzjoni rrapurtajtu l-Pulizija. Nghid illi jiena kont l-Ghassa meta l-imputat kien gie bil-kaxxa u jiena fil-fatt gharaft l-oggetti li kien hemm li kienu jappartjenu lili. Nghid illi meta, jiena kont naf x'oggetti kelli u naf ukoll l-oggetti li kelli nieqsa.

Meta l-persuna l-ohra li t-tifel kien hadlu l-oggetti wasalna f'arrangamenti mieghu u dana gabli l-oggetti lura u meta jiena imbaghad ikkunsidrajt l-oggetti illi l-imputat irritorna lil Pulizija u li gew esebiti fl-Atti ta' din il-kawza jirrizulta li hemm zukkeriera kbira nieqsa. Ngid illi jien lit-tifel kont kellimtu u staqsejtu li din iz-zukkeriera kbira lil min kien biegha u t-tifel kien qalli li kien biegha lil imputat Philip Borg. Meta rinfaccat mill-Ispettur Mario Tonna l-imputat Philip Borg cahad illi huwa kien xtara z-zukkeriera l-kbira minghand ibni. Ibni gie mistoqsi mill-Ispettur fil-presenza tieghi u wkoll ta' l-imputat jekk hux cert li z-zukkeriera l-kbira biegha lil imputat u ibni rega' wiegeb li kien cert li biegha lil imputat. Pero' l-imputat baqa' jichad li hu kien xtara minghand it-tifel din iz-zukkeriera. Nghid illi dina z-zukkeriera tiswa qrib l-elfejn lira Maltin u cioe' circa erba telef sitt mija tmienja u hamsin ewro punt hamsa u sebghin centezmi ta' l-ewro. U qeghda nesebixxi fotokopja ta' ritratt liema fotokopja ta' ritratt hija taz-zukkeriera li

qeghda insemmi jiena. Dan id-dokument qieghed jigi esebit u mmarkat bhala dok HH 1.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir referenza ghad-deposizzjoni tal-imputat Philip Borg li fis-Seduta tas-26 ta’ Mejju, 2008 fejn qal:

“Nghid fil-perijodu ta’ bejn Awissu u Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) jiena li ghandi hanut ta’ l-antikita’ gewwa l-Pieta’, quddiem il-yacht marina, niftakar li kient gurnata shuna tas-sajf u kont qieghed bilqieghda barra fuq il-parrapett tal-hanut tieghi. Gie guvni bl-isem ta’ Josef Hariri, staqsieni jekk hux jiena Philip Borg. Irrispondejt fl-affermattiv. Huwa zied jghidli li kienet baghtitu ommu u dina stante li kienet qieghda taghmel xi spejjez fid-dar u li hi riedet tbiegh xi oggetti tal-fidda. Jiena rrispondejtu li jiena ma niddiljax fil-fidda u hu baqa’ jghidli biex jiena l-oggetti nehodhom biex hu jghin lil ommu tirranga d-dar. Jiena ghalija dan it-tifel rajtu edukat, simpatiku u tifel nadif. Jiena staqsejtu kif hu kien jaf ismi u kunjomi u hu rrispondieni li l-mama tieghu tafni u habiba ta’ ommu kienet tat parir lil ommu biex hi tbiegh lili. Nghid illi dana baqa’ jinsisti. Hawn hekk nixtieq nispjega illi jiena kont ghamilt konvenju biex inbiegh id-dar tieghi, kont sejjer naghmel il-karti d-dar u jiena stante li ma niddiljax fil-fidda ghidt illi dawn l-affarijiet kont ser nixtrihom minn ghand dan il-guvni u mbaghad inpoggihom f’irkant li kont ser naghmel fid-dar. Jien niddielja f’ghamara, fic-ceramika, fil-hgieg u ornamenti. Nghid illi dan il-guvni kien hareg l-affarijiet. Jiena rajt l-oggetti u peress li ma nifhimx kont cempilt habib tieghi. Dana cempiltlu wara li l-guvni kien telaq u halla l-oggetti fil-hanut tieghi. Dana persuna li jifhem fil-fidda, kunjomu Delicata. Ma niftakarx x’jismu.

Dak inhar fil-ghaxija, dan Delicata kien gie jara dawn l-oggetti. Bejn wiehed u iehor qalli li l-prezz li dawn l-oggetti jiswew, u dana qalli li salv iz-zukkeriera li kien hemm li tiswa l-flus, l-ohrajn kienu mbarazz u bhala total ta’ l-oggetti kollha kien qalli li dawn kienu jiswew fit-total ta’ sitt mitt lira Maltin (LM600). L-ghada cempilli Josef Hariri u jien ghidtlu li ta’ l-oggetti kollha kont lest noffrilu sitt mitt lira Maltin (LM600). Huwa accetta u wara xi saghtejn li saret din it-telefonata, dan Josef Hariri gie ghall-flus. Jiena

hallastu cash u tajtu sitt mitt lira Maltin (LM600). Wara xi jumejn, Josef Hariri gie b'basket iehor. Jiena ghidtlu li ma kontx interessat.

Fl-ewwel lok jiena ma kellix cash u jiena meta ma jkollix cash ma nixtrix. Jiena dawn l-oggetti li gabli dan Josef Hariri fit-tieni okkazzjoni ma rajthomx salv xi muniti li dana kellu fil-but u urihomli. Jien ghidltu li ma jinteressawnix. Jien iz-zukkeriera kont beghtha. Jiena beghtha qabel l-irkant. Jiena kont beght din iz-zukkeriera ghall-valur ta' xi haga fuq it-tminn mitt lira Maltin (LM800). Nghid illi xi gimaghtejn jew tliet gimghat wara li kien gie l-ewwel darba dan Josef Hariri fil-hanut tieghi, cempluli mill-ghassa ta' San Giljan u kien kellimni l-Ispettur Mario Tonna. Dan staqsieni jekk jiena kontx xtrajt xi oggetti minn ghand Josef Hariri u jiena irrispondejt fl-affermattiv. Nixtieq nippreciza li lili bit-telefonata l-Ispettur Mario Tonna kull ma qalli kien biex immur l-ghassa. Meta kont l-ghassa mbaghad kien staqsieni jekk jien kontx beght li Josef Hariri, li nzid nghid ukoll kien prezenti.

Hawn hekk nixtieq naghmel parentesi fis-sens li wara li Josef Hariri kien gie jaghmel it-tieni vizita fil-hanut tieghi, huwa kien ukoll hadni gewwa dar, jidhirli number 43, Pope Pius the fifth Street, Sliema. Qalli li din il-propjeta' kienet tan-nannu tieghu u kien qalli li hu jrid jehodni hemm biex jurini xi ghamara. Nghid illi kont mort, rajt xi suppieri ta' dinner sets f'raft u ghal dawn is-suppieri kont offrejtlu li naghtih tletin lira (Lm30) taghhom. U nghid illi hu qalli li kien ser jistaqsi lil ommu u l-ghada kien cempilli u kien qalli: 'tista' tigi ghalihom.' U mbaghad ma cempillix izjed u dawna l-oggetti ma xtrajthomx.

Biex nirritorna lura ghal meta kont qieghed l-ghassa meta sejjahli l-Ispettur Mario Tonna, nghid jiena mbaghad mort akkumpanjat mill-pulizija l-hanut tieghi, biex minn gewwa l-iskrivanija ngib l-oggetti rimanenti li kien ghad fadalli li kont xtrajt minn ghand Josef Hariri. Meta hadna lura l-ghassa dawn l-oggetti, fil-presenza ta' Josef Hariri, l-Ispettur staqsa lill-istess Josef Hariri jekk l-oggetti li gew imbaghad mifruxa fuq il-mejda ta' l-Ispettur jaghrafhomx, dan kien irrisponda fl-affermattiv.

U mbaghad nghid illi l-Ispettur Tonna kien laqqa' lili ma' Bernardette Ellul li tigi omm Josef Hariri u nghid illi dina Mrs. Ellul, li tigi omm Josef Hariri, lili kienet qaltli biex jiena nirritornalha z-zukkeriera u hi kinet lesta li taghtini xi haga.

Nghid jiena peress li f'hajti qatt ma xtrajt affarijiet misruqin, hadt ghalija b'dak id-diskors li qaltli omm Josef Hariri. Jiena kont ghidtilha lil din is-Sinjura li jien kont hallast sitt mitt lira Maltin (LM600) ghall-oggetti. Jiena kont lest illi lil min beghtha, nehodha lura biex inkun nista' nghaddiha lil omm Josef Hariri u niehu l-flus li hallast lura. Jiena fil-mument li xtrajt l-oggetti li semmejt, f'mohhi kien li kollox qieghed sew. Jiena bdejt ninnota li dan it-tifel beda jghidli li hu li kien qed jaghmel kien biex jghin lil ommu jiena l-impressjoni li hadt li dan kien tifel sew.

<u>Jien ghalija ghaldaqstant, dan il-bejgh, ghalija kien kollu lecitu. Jiena tant ma kellix suspett li dawn l-oggetti setghu kienu gejjin minn xi serq jew b'xi mod illecitu li kont esponejt iz-zukkeriera fil-vettrina tal-hanut tieghu u damet hemm ghal xi tlett (3) ijiem</u>. Nixtieq nghid illi in kwantu ghal omm Josef Hariri fejn jiena semmejt Bernardette Ellul, nghid Bernardette Ellul u Bernardette Hariri huma l-istess persuna. <u>Inzid nghid ukoll illi meta kont qieghed l-ghassa, jiena fl-ebda moment ma kont chadt illi z-zukkeriera kont xtrajtha</u>." (Sottolinjar tal-Qorti)

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghal xi gurisprudenza li hi relevanti ghal kaz in disamina.

(i) Fis-Sentenza "Il-Pulizija vs Tancred Borg" – Qorti ta' l-Appell Kriminali – 26/10/1998 gie ritenut illi l-element importanti f'dan ir-reat huwa ix-'scienter'. Il-gurisprudenza ghallmet illi l-kelma 'xjentement' ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed izomm fil-pussess tieghu xi oggett partikolari, izda tfisser li hu kien jaf, jew messu regonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li l-oggett seta' kien gej minn serq. Mhux rikjesti xi motiv ulterjuri jew xi intenzjoni specifika. Li wiehed ikollu suspett ta' xi irregolarita' jew addirittura taghrif dwar provenjenza ta' certu oggetti u intenzjonalment jieqaf milli jindaga

ulterjorment, hija prova konklussiva dwar l-element intenzjonali tar-reat ta' ricettazzjoni.

(ii) Fis-Sentenza "Il-Pulizija vs John Dimech" – Qorti ta' l-Appell Kriminali – 24/06/1961 gie ritenut illi meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-'scienter' rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.

(iii) Fis-Sentenza "Il-Pulizija vs George Schembri" – Qorti ta' l-Appell Kriminali – 30/04/1992 gie ritenut illi min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, hu hati ta' ricettazzjoni.

(iv) Hawn issir referenza ghas-segwenti bran mis-Sentenza "Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) Vs Darren Debono" Qorti ta' l-Appell Kriminali – 15/1/2009:

"Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]; **"Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal- provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-

ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

"Minn jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu w b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [**24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961] **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u **"Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998])

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; **"Il-Pulizija vs. Nazzarenu Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY :

"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. <u>Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen – e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge – e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."</u>

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et**." [26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-boun sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wehedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **Cross on Evidence** , $5^{th}$. ed., p.49 (now $8^{th}$. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen …. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."

"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f'dan is-sens : **"Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs. Richard Spiteri"** [31.8.2006] u ohrajn."

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Li x-xhud Bernardette Hariri (Deposizzjoni moghtija fis-Seduta tal-22/1/2008), inter alia, qalet li fil-perjodu bejn Awissu u Settembru tas-sena 2005 binha Josef li dak iz-zmien kien ghadu kif ghalaq 18 –il sena kien ha xi oggetti mir-residenza taghha gewwa tas-Sliema u dawn l-oggetti kien hadhom bla permess taghha. Hawn il-Qorti tissottolinja l-fatt li l-imputat quddiemu kellu guvni li kien ghadu kif ghalaq 18 il-sena. L-eta' tenera tal-guvni flimkien man-natura tal-oggetti (fidda) offruti ghal bejgh diga' huma fatturi sufficjenti li messhom dahhlu suspett f'mohh l-imputat dwar provenjenza illecita tal-oggetti.

Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mid-depossizzjoni tal-imputat (Seduta tas-26/5/2008): "Jien fil-mument li xtrajt l-oggetti li semmejt, f'mohhi kien li kollox kien qieghed sew. Jiena bdejt ninnota li dan it-tifel beda jghidli li hu li kien qed jaghmel kien biex jghin lil ommu u jiena l-impressjoni li hadt li dan kien tifel sew."

Issa l-imputat fl-Istqarrija tieghu (Dok MT4), inter alia, qal: "L-ghadha dan il-guvni gie u ghedtlu li kont ser niehu l-oggetti u hallastu Lm 600 kemm talabni. Tlabtu l-id card u qalli li ma kenitx fuqu." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrileva li fid-depossizzjoni tieghu l-imputat (Seduta 26/5/2008), inter alia, qal: "Dak inhar fil-ghaxija, dan Delicata kien gie jara dawn l-oggetti. Bejn wiehed u

iehor qalli li l-prezz li dawn l-oggetti jiswew, u dana qalli li salv iz-zukkeriera li kien hemm li tiswa l-flus, l-ohrajn kienu mbarazz u bhala total ta' l-oggetti kollha kien qalli li dawn kienu jiswew fit-total ta' sitt mitt lira Maltin (Lm 600). L-ghada cempili Josef Hariri u jiena ghidtlu li ta' l-oggetti kollha kont lest noffrilu sitt mitt lira Maltin (Lm 600). Huwa accetta u wara xi saghtejn li saret din it-telefonata, dan Josef Hariri gie ghall-flus. Jiena hallastu cash u tajtu sitt mitt lira Maltin (Lm 600)."

Hawn il-Qorti tosserva li ma jirrizultax mill-provi prodotti li dan Josef Hariri taha ricevuta ta' dan il-flus. Inoltre tirrileva li l-imputat filwaqt li fl-Istqarrija qal li hu hallas lill-guvni Lm 600 kemm talbu, fil-bran tad-deposizzjoni tieghu hawn fuq riportat jirrizulta skond l-imputat li hu kien offra lill-Josef Hariri is-somma ta' Lm 600 wara li fil-gurnata ta' qabel Delicata (dan skond l-imputat kien habib tieghu li ma ftakarx x'jismu) kien tah stima ta' valur tal-oggetti kollha fl-ammont ta' Lm 600.

Hawn il-Qorti tirrileva li ix-xhud Josef Hariri fis-Seduta tal-24/1/2006, inter alia, qal: "I took a bagful of antiques being silver items in order to sell them. I went to accused shop and I placed all the silver ware on the table and accused asked if the items were stolen and I replied no. Then he told me to leave the items there. I left him my phone number and a couple of hours later accused called me up on my phone and he told me that he had found a buyer for six hundred Maltese Liri (Lm 600). In the same day I went to accused shop and I picked up the money namely the six hundred Maltese Liri (Lm 600). These items belonged to my mother. I took these silver items without permission of my mother. In fact I stole these items from my mother". (Sottolinjar tal-Qorti).

Mis-suespost jemergi li skond Josef Hariri l-imputat kien saqsieh jekk l-oggetti kienu misruqin. Dan jikkuntrasta sew ma' dak li qal l-imputat fid-deposizzjoni tieghu li fil-mument li xtara l-oggetti li semma, f'mohhu kien li kollox kien qieghed sew!

Inoltre skond Josef Hariri l-imputat kien hallsu dakinhar stess li kien hadlu l-oggetti Hariri mentri l-imputat isostni li kien hallsu l-ghada dan wara li il-gurnata ta’ qabel Delicata kien tah l-istima ta’ Lm 600.

Dwar il-kwistjoni tal-valur tal-oggetti il-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni ta’ Bernardette Hariri (Seduta tat-22/1/2008) fejn din ix-xhud qalet: “Nghid illi dina iz-zukkeriera tiswa qrib l-elfejn lira Maltin u cioe’ circa erba’ telef sitt mija tmienja u hamsin euro punt hamsa u sebghin centezmi ta’ l-euro.” (Sottolinjar tal-Qorti). Certament din l-istima ghaz-zukkeriera biss hi ferm ghola mis-sitt mitt Liri Maltin (Lm 600) li l-imputat hallas lill-Josef Hariri ghall-oggetti kollha.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat kien imissu nduna jew issuspetta b’mod qawwi li l-oggetti tal-fidda li xtara minn Josef Hariri kienu misruqa u dana bl-uzu ta’ intelligenza modika infuramata mic-cirkostanzi kollha.

Rat l-artikoli 334(a), 261(c), 267 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Philip Borg hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali minima tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Philip Borg ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Philip Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Philip Borg sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ Euro 19 rappresentanti spejjes inkorsi ta’ traduzzjoni f’din il-kawza.

Il-Qorti, qed tispjega bi kliem car lill-imputat Philip Borg ir-responsabilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------